

Brussell, 10 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14792/25

CO EUR-PREP 36

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (18 u 19 ta' Diċembru 2025) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Prezidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ li l-Unjoni ser tibqa' tagħti lill-Ukrajna u l-poplu tagħha, inkluż il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna.

II. LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani.

III. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu skambju ta' fehmiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

IV. TKABBIR

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strategika dwar it-triq 'il quddiem rigward it-tkabbir.

V. MIGRAZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni.

VI. ĠEOEKONOMIJA U KOMPETITTIVITÀ

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni dwar is-sitwazzjoni ġeoeconomika u l-implikazzjonijiet tagħha għall-kompetittività tal-UE.